MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 1000/2014

**Agdel Co Ltd**

**vs**

**More Supermarkets (Hamrun) Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd tal-11 ta' Novembru 2014 ghar-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju mahrug kontriha minn Agdel Co Ltd;

Rat ir-risposta ta' Agdel Co Ltd;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi sar mandat ta' qbid minn Agdel Co Ltd kontra More Supermarkets ghal pretensjoni ta' debitu dovut qua ammont ta' kera mhux imhallsa. Il-pretensjoni hi cara.

More Supermarkets qed tikkontendi illi hi ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' Agdel ghaliex skond il-ftehim tal-11 ta' Mejju 2012 Agdel Co Ltd qua 'lessor' kienet ikkoncediet l-istabbiliment in kwistjoni b'kera lil Cassar and Schembri (Marketing) Limited u hi din il-kumpanija li semmai ghandha relazzjoni guridika ma' More Supermarkets li minn ghandha hadet l-operat tal-istabbiliment bi ftehim mal-istess Cassar and Schembri (Marketing) Limited.

Il-Qorti tqis li din is-sottomissjoni ma' tinnewtralizzax il-jedd prima facie li jrid jigi pruvat mill-intimat bil-pretensjoni tieghu li qed jaghmel ta' hlas ta' kera lil Agdel. L-iskrittura esebita mir-rikorrenti fl-ebda hin ma telimina xi relazzjoni ta' natura kuntrattwali bejn il-kontendenti semplicement ghax More Supermarkets (Hamrun) Ltd mhix parti f'dak il-ftehim.

L-intimati esibew invoices u hlasijiet bejn il-kontendenti odjerni li prima facie huma indikattivi mill-anqas ta' relazzjoni guridika bejniethom. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga fil-fond ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Basta li jkun hemm ness legali bejn il-kreditu pretiz u dritt prima facie ghal tali pretensjoni. L-invoices u ricevuti huma prima facie indikattivi ta' dan il-jedd li minnu allegatament jinsorgi l-kreditu.

Ghalhekk il-Qorti tqis li r-rikorrenti jistghu f'dan il-proceduri jinvokaw vinkolu legali li minnu jinsorgi d-dritt pretiz salv u impregudikata l-kwistjoni fil-mertu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba ghal revoka ta’ mandat ta’ qbid kif mitlub mir-rikorrenti. Spejjez ghar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------